# Restawr tal-Kampnar tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja

minn Charles Spiteri - Għawdex

Dawn l-aħħar ġranet, hekk kif wieħed jkun tiela' min-naħa ta' Marsalforn lejn ir-Rabat, faċilment ikun jista' josserva li l-kampnar tas-Santwarju tal-Patrijiet Kapuċċini hu nieqes. Dan għaliex il-kampnar kellu jinħatt biex jiġi restawrat. Ħafna mill-kantuni ta' dan il-kampnar kienu ttieklu biż-żmien u ħafna oħrajn saħansitra kienu xpakkaw minħabba l-effett ta' ħafna snin li għaddew minn fuqhom esposti il-ħin kollu għal kull xorta ta' temp. Dan l-aħħar, din l-istruttura kienet waslet fi stat li setgħet taqa' minn ħin għall-ieħor u għalhekk kienet qed toħloq periklu kontinwu għal dawk kollha li jiffrekwentaw dan il-post qaddis.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Gwardjan preżenti Patri Karm Dimech OFM.Cap., ħaseb biex japplika għall-permessi meħtieġa mill-Awtorità ta' l-Ippjanar. Għal dan ix-xogħol tqabbad il-Perit Emanuel Vella li ħejja l-applikazzjoni u l-pjanti kollha. Il-Perit Ivana Farrugia ħejjiet ir-rapport (*Conditions Report & Method Statement*) dwar l-istat li kien jinsab fih il-kampnar kif ukoll indikat liema metodu għandu jintuża filbini mill-ġdid ta' dan il-kampnar. Il-permess mill-*MEPA* ħareġ u għalhekk ix-xogħol ta' restawr seta' jinbeda bla telf ta' żmien.

Hawnhekk ta' min isemmi nnota bi sfond storiku li l-Perit Farrugia inkludiet fir-rapport tagħha. "Kif kien dokumentat fl-istorja t'Għawdex ta' Agius De Soldanis ***"Il Gozo Antico-Moderno e Sacro Profano"***, ftit wara li l-Patrijiet Kapuċċini waslu Għawdex fl-1736, huma minnufih bdew jibnu l-Kunvent eżistenti u l-Knisja li tmiss miegħu. Dawn bnewhom fuq art mogħtija lilhom mill-Gran Mastru Manoel De Vilhena. Il-bini kollu, li nbena fuq il-pjanti ta' Fra Giuseppe Grech, ħa madwar ħmistax-il sena biex jitlesta. Ta' min jgħid li dan Fra Giuseppe kien ajk Kapuċċin li kien ħejja wkoll il-pjanti tal-Knisja u l-Kunvent ta' Santa Liberata fil-Kalkara."



Ir-restawr tal-kampnar tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja



## L-OPINJONI TAGĦKOM

Il-korrispondenza li tidher f'din il-paġna ta' L-OPINJONI TAGĦKOM mhux neċessarjament hi l-opinjoni ta' l-Editur.





# Il-Manifestazzjoni tal-Festa ta' Kristu Rè f'Għawdex

**Kitba u Ritratti ta' Charles Spiteri**

In-Nunzju Apostoliku għal Malta, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Tommaso Caputo flimkien ma' Mons Isqof Mario Grech mexxew iċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' Kristu Rè li din is-sena saret fil-qalba tal-Missjoni Djoċesana li qed tiġi ċċelebrata fid-Djoċesi ta' Għawdex.

Il-programm beda b'purċissjoni Ewkaristika mill-Knisja tal-Ħniena sal-Knisja Rotunda tax-Xewkija, immexxija min-Nunzju Apostoliku għal Malta l-E.T. Mons Tommaso Caputo flimkien ma' Mons Isqof Mario Grech, is-saċerdoti, ir-reliġjużi, il-Fratelli u l-abbatini kollha tad-Djoċesi u l-poplu nisrani.

Mal-wasla fil-knisja Rotunda tax-Xewkija sar programm ta' talb u tifħir lil Alla. Ittellgħet ukoll Mima miż-żgħażagħ tal-Parroċċa ta' San Lawrenz.

Qabel il-barka sagramentali l-Eċċ. Tiegħu n-Nunzju Apostoliku, l-Eċċ. Tiegħu Mons Caputo kif ukoll Mons Isqof Grech għamlu kelmtejn tal-okkażjoni.

Mons. Isqof Grech ikkritika n-nuqqas ta' osservanza tal-Ħadd, Jum il-Mulej. "Il-produttività saret ir-ruħ tal-ekonomija. Biex l-ekonomija tikber, ridna nkattru l-produttività, anke jekk dan sewa prezz għoli għax ħarbatna ċ-ċiklu tal-alternanza tal-ħin tal-mistrieħ u l-ħin tax-xogħol. Kellna nibdew nużaw il-ħin tal-mistrieħ biex nipproduċu aktar. Illum hawn min huwa konvint li huwa dnub mejjet kontra l-ekonomija jekk il-produzzjoni tieqaf fil-jum tas-Sibt u tal-Ħadd. Fostna hemm min ifittex jieħu vantaġġ biex ikompli bl-attività produttiva tiegħu anke l-Ħadd; hemm ukoll min minħabba s-sistema, ma jistax ma jaħdimx il-Ħadd. Mhux qed nirreferi għal dawk li jaħdmu f'ċerti oqsma, bħalma huma il-qasam tas-saħħa, tal-ordni pubbliku u l-*catering*. Lil dawn ħutna nsellmilhom, għax qed jagħtu servizz meħtieġ. Qed nirriferi għal min tant irid ikollu, li jagħżel li jaħdem, iħaddem u jxennaq biex wieħed jaħdem ukoll il-Ħadd.



*In-Nunzju Apostoliku għal Malta, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Tommaso Caputo waqt id-diskors li għamel fiċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' Kristu Rè.*

"L-istess kultura konsumista timbuttana biex nużaw il-ħin liberu għax-xogħol, ħalli hekk ikollna aktar flus fil-bwiet u nkunu nistgħu nkattru l-konsum. Il-konsum huwa ħidma produttiva oħra, għax aktar ma s-soċjetà tonfoq aktar tiġġenera l-ekonomija. Il-konsumiżmu mhuwiex biss infieq bla rażan, imma huwa ideoloġija – sistema ta' ħsieb u mġiba promossa biex ikollna soċjetà ta' konsumi. Fil-loġika talkonsum, il-bniedem jagħti importanza lill-oġġetti, u dak li ma jibqax jagħtih gratifikazzjoni jarmih biex jakkwista oġġett ieħor. Il-mentalità tal-akkwist hija ta' detriment fil-bini tal-personalità tal-individwu. Din il-mentalità tiddisponi lill-bniedem biex jibni relazzjonijiet superfiċjali, mhux biss mal-oġġetti imma anke mal-persuni, u hekk huwa ssagrifikat dak ir-rapport profondament personali – partikularment bejn l-istess individwi – li għandu jikkaratterizza l-ħajja umana."Imbagħad anke fost dawk li, għall-grazzja tal-argument, għadhom jistennew il-jum tal-Ħadd, hemm attitudni li dan il-jum iqattgħuh bħala pawsa miż-żmien produttiv biex jirkupraw l-enerġija ħalli jkunu jistgħu jaħdmu aktar. L-istess jum tal-Ħadd qed ngħixuh fi klima ta' xogħol u produzzjoni. Allura l-jum tal-Ħadd qed nużawh bħala ngranaġġ ieħor biex indawru r-rota tal-ekonomija.



*Parti mill-mijiet t'Għawdxin li allavolja kien ħafna maltemp, attendew bi ħġarhom għal din il-Manifestazzjoni*

F'soċjetà mibnija fuq ix-xogħol u l-qliegħ, il-Ħadd flok ma huwa apprezzat bħala jum ta' festa, fejn il-bniedem jista' jifraħ flimkien ma' oħrajn u jħossu ħieles, beda jitqies bħala żmien moħli u vojt. Il-mistrieħ bdejna nsejħulu evażjoni mill-pseudo-dmir li naħsbu li għandna biex nikkontribwixxu għall-ekonomija talpajjiż u tal-Ewropa!

Din ir-rikostruzzjoni żbaljata taż-żmien qed tħalli l-vittmi! Xi drabi mhux biss qed titnaqqar il-kwalità tal-ħajja, imma l-istess ħajja qed tiġi ssagrifikata. Adottajna sistema jew qed jimponulna sistema li, għalkemm qed tipproduċi l-oġġetti, qegħda wkoll tkisser il-bniedem! Jekk effett tas-sistema l-qliegħ żdied, imma ċ-ċiviltà qed tħallas prezz għoli. Għandna persuni psikoloġikament għajjenin u dgħajfin, tant li għalihom il-ħajja ġiet ħafna ridimensjonata. Imbagħad għandna miżżewġin u familji li ma jifilħux iġorru dan il-piż kollu u qed jitfarrku. Huwa fatt li l-indikazzjonijiet li qed nagħtu biex naqraw kollox mil-lenti tal-ekonomija, qed jibagħtu messaġġi li jikkontrastaw mal-ħajja tażżwieġ u l-familja. Huwa l-każ meta l-miżżewġin, speċjalment dawk li qed irabbu, jingħataw inċentivi biex jinvestu l-enerġija u l-ħin tagħhom filmagna tal-produzzjoni nazzjonali.

Il-familja, speċjalment fejn hemm l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, issib diffikultà biex tgħaddi waqtiet sereni ma' xulxin. Minħabba ċ-ċirkustanzi li qed insemmu, min jista', juża l-Ħadd bħala "żmien tiegħu" aktar milli spazju personali u soċjali.



*Il-Purċissjoni Ewkaristika ta' Kristu Rè miexja lejn il-Knisja Rotunda.*

Ħmistax ilu l-COMECE (il-Kummissjoni tal-Konferenzi tal-Isqfijiet tal-Unjoni Ewropeja) ġibdet l-attenzjoni għal dak li qalu xi membri parlamentari Ewropej dwar l-isfreġju li qed nagħmlu mill-jum tal-Ħadd: "Kumpaniji li jdaħħlu l-ħaddiema għax-xogħol fil-jum tal-Ħadd jirraportaw aktar każijiet ta' mard u assentejiżmu minn kumpaniji li ma jħaddmux il-Ħadd. Is-saħħa tal-ħaddiema tiddependi, fost ħwejjeġ oħra, fuq l-opportunitajiet li jingħatawlhom li jirrikonċiljaw ix-xogħol mal-ħajja tal-familja, li jwaqqfu u jsostnu kuntatti soċjali u billi jkunu jistgħu jissodisfaw il-bżonnijiet spiritwali tagħhom. Il-jum tal-Ħadd, li tradizzjonalment huwa meqjus bħala l-jum ta' mistrieħ matul il-ġimgħa, jgħin biex jintlaħqu dawn l-għanijiet aktar milli kieku l-jum tal-mistrieħ jingħata f'xi ġurnata oħra tal-ġimgħa." Billi fis-16 ta' Diċembru li ġej il-Parlament Ewropew għandu jieħu vot dwar il-jum tal-Ħadd, il-Knisja permezz tal-COMECE tħeġġeġ lill-membri parlamentari Ewropej biex jagħtu sehemhom ħalli din l-istituzzjoni tagħmel għażla li thares il-jum tal-Ħadd, ikkunsidrat minn ħafna bħala "ġebla tax-xewka" fil-Mudell Soċjali Ewropew.



*Mima konnessa mal-festa ta' Kristu Rè, mtella' miż-żgħażagħ ta' San Lawrenz.*

F'dan ix-xenarju, kompla Mons. Isqof Grech, fejn il-kriżi tal-jum tal-Ħadd saret il-kriżi tal-bniedem, il-poplu t'Alla għandu kontribut x'joffri lis-soċjetà: il-Ħadd għalina huwa jum ta' festa għax huwa Jum il-Mulej. Sa mill-bidu, l-insara "fl-ewwel jum talġimgħa kienu jinġabru biex jaqsmu l-ħobż flimkien" (Atti 20,7). Kienu jiltaqgħu l-Ħadd għax kien fil-jum ta' wara s-Sibt li Ġesù Kristu qam millmewt; kien f'dak l-istess jum li, wara li rxoxta, ġie jiltaqa' mal-appostli li kienu mbeżża' u dgħajfin fil-fidi (ara Lq 24; Ġw 20]; kien fil-jum tal-Ħadd li bagħat fuqhom l-Ispirtu s-Santu u hekk tahom garanzija li jibqa' magħhom sal-aħħar taż-żmien. Ma kienitx il-Knisja li għażlet "jum il-Mulej" (Apok 1,10), imma kien Hu, il-Mulej stess li wera biċ-ċar li ried li l-ewwel jum tal-ġimgħa jkun tiegħu u għalih! Kif jgħid is-Salmista: "Dan hu l-jum li għamel il-Mulej, ejjew nifirħu fih" (Salm 118,24). Dan huwa l-jum li fih Ġesù Itaqa' mad-dixxipli ta' Emmaws.

L-esperjenza ta' Kristu rebbieħ fuq il-mewt issir waqt il-Quddiesa. Proprju għalhekk għalina l-Kattoliċi m'hemmx Ħadd mingħajr quddiesa. Is-sehem tagħna fl-Ewkaristija mhux biss osservanza ta' preċett, imma huwa marbut mal-identità li rridu nħarsu u nixhdu għaliha. Għalina l-jum tal-Ħadd jieħu tifsira biss millparteċipazzjoni tagħna fil-quddiesa. L-isfida li toffri l-Ewkaristija, li hija għotja frott l-imħabba u forġa talkomunjoni, hija l-isfida li għandu quddiemu n-Nisrani u l-Knisja.

Il-fatt li ħafna Nsara ma jieħdux sehem attiv fil-liturġija tal-Quddiesa, kif ukoll il-fatt li numru mhux traskurabbli ta' Nsara għażlu li jgħaddu mingħajr il-quddiesa tal-Ħadd ma jawgurax tajjeb la għall-ħajja ekkleżjali u anqas għall-ħajja ċivili. Pastoralment dan għandu jġegħilna nistħarrġu x'għandna nagħmlu biex f'Jum il-Mulej il-komunità tinġabar ma' mejda waħda biex taqsam il-Kelma u l-Ħobż, u hekk insiru nafu aktar lil Alla u lilna nfusna.



*Mons. Isqof Mario Grech waqt id-diskors tiegħu ta' l-okkażjoni*

M'hemmx futur għalina jekk ma nirkuprawx Jum il-Mulej! Fis-sena 304 wK f'Abitene, post fit-Tunisija, grupp ta' disgħa u erbgħin Insara għażlu li jieħdu l-mewt flok ma jħallu l-quddiesa tal-Ħadd. Il-Prokonslu staqsa lill-presbiteru Saturnino għaliex ma kienux obdew l-amar tal-Imperatur, li ipprojbilhom jiċċelebraw Jum il-Mulej. Dan wieġbu: "Għaliex ma nistgħux nittraskuraw il-quddiesa tal-Ħadd". Il-Prokonslu dar fuq Emeritu, raġel tal-familja, u staqsih għaliex kien laqa' fid-dar tiegħu lill-Insara biex jiċċelebraw il-quddiesa tal-Ħadd. It-tweġiba ta' Emeritu kienet radikali: "Ma stajtx ma nilqagħhomx, għax aħna l-Insara ma nistgħux ngħaddu mingħajr l-Ewkaristija tal-Ħadd". U min kiteb l-Atti ta' dan il-martirju jżid nota: huwa jum il-Ħadd li jagħmel bniedem Nisrani, u huwa n-Nisrani li jagħmel il-jum tal-Ħadd għax il-wieħed ma jeżistix mingħajr l-ieħor. Meta hemm Nisrani, ifisser li hemm komunità li tiċċelebra l-Mulej; u meta tisma li hemm assembleja miġbura, ifisser li hemm ukoll l-Insara".

Illum ma għandniex l-imperatur li jipprojbixxi li niltaqgħu għall-Ewkaristija tal-Ħadd; imma għandna sistema materjalista u konsumista li, jekk inħalluha, tkompli tiddettalna biex il-Ħadd ma nitilfux ħin fil-quddiesa!

Mons. Isqof spiċċa d-diskors tiegħu billi qal illi huwa fatt li m'hemmx jum il-bniedem (*dies hominis*) jekk m'hemmx Jum il-Mulej (*dies Domini*).




IMPORTERS DIRECT MEGA CLEARANCE

6 ARVONA AV
NORTH SUNSHINE
PH: (03) 9311-4424

* COFFEE TABLES
* DINING TABLES
* TV UNIT
* BUFFET

MON- SAT 10AM - 3PM
3 WEEKS ONLY